# SAJF

F'mixjietha, bla ħeda, ma' dwar ix-xemx ommha, (1)
lejn din mejlet rasha fuq fusha, l-art tagħna,
b'hekk naqset id-dalma, b'hekk kotrot is-sħana,
il-jum ittawwal!

Mis-sema, fid-difa, bla sħaba anqas ċkejkna,
li donnu, fil-kħula, bħal mera tal-baħar,
ix-xemx, is-sultana tal-jum, bla tinsatar,
Tiżreġ bla ħniena!

Bħal beraq, li jgħammex l-għajnejn f'lejl tax-xitwa,
il-mewġa li tbewwes ix-xatt u tmur l-ura,
dlonk tleqq b'dawl tad-deheb, li jtiha mitt sura,
Mix-xemx milquta.

U x'ħin ix-xemx tasal biex tinżel fil-baħar,
u tnaqqas il-qawwa tas-sħana w-tad-dija,
iż-żiffa, li tfewweġ ta' kull fil-għaxija,
iġġib il-faraġ!

U meta l-lejl ħiemed ixerred id-dalma,
u d-dinja ma tibqa' bis-sħana tinħema,
il-qamar u l-kwiekeb, fis-safa tas-sema,
jiddu u jpetptu.

W-hawn tara n-nies toħroġ minn darha, ferħana,
tiġġerra, fil-hena tal-lejla sajfija,
tixxerred titfarraġ mal-plajja ramlija,
f'xifer il-baħar!

Idejjaq il-għaraq u l-għomma tħaddilna,
'ma mbierek dak Alla, li jibgħat is-sħana,
li ssajjar il-għeneb wil-frott kollu tagħna
li jhennu 'l-bniedem!

**Dun Pietru Pawl**

(1) Ix-xemx omm l-art, għaliex il-għorrief igħidu li fil-bidu, ix-xemx u l-art kienu biċċa waħda, u din inqatgħet minnha.

# TAGĦRIF ŻGĦIR

## FUQ KLIEM LI JIXXIEBAH FIL-GĦAMLA JEW FIT-TIFSIR

I.

Għandna d-drawwa fil-Malti li xi drabi fit-taħdit inqiegħdu ma' ġenb xulxin żewġ kelmiet ta' għamla waħda, ta' ħoss wieħed, li qishom kelma waħda ntennija. Hekk tisma' min igħid: *ħallata ballata*, *ħorrox borrox*, *ċallas ballas*, *qixx u mixx*, *bil-għaraq u x-xeraq*. (1) Imma x'inkunu rridu nfissru, x'lewn, x'bixla, x'għamla nkunu rridu nâtu lill-ħsieb tagħna b'din il-għaqda ta' kliem li jixxiebah?

Wara li flejt u għarbilt ħafna qwiel maltin ta' din il-għamla u qabbilthom ma' qwiel bħalhom ta' ilsna oħra, nista' ngħid:

1. L-ewwelnett din il-għaqda ta' kliem iżżid *qawwa* lill-ħsieb li rridu nfissru. Meta ngħidu: *kienu n-nies ħallata ballata*, u *kienu n-nies imħalltin* jew *taħlita waħda*, inkunu qegħdin ngħidu ħaġa waħda u nfissru ħsieb wieħed; iżda ta' l-ewwel għandha saħħa aqwa minn ta' l-oħrajn. Hekk ukoll meta ngħidu: *f'dik il-laqgħa kien hemm il-qixx u l-mixx kollu*, inqunu qegħdin ngħidu xi ħaġa aqwa milli ngħidu: *kien hemm nies minn l-agħar*; *taqla' x'tiekol bil-għaraq u x-xeraq* aqwa milli tgħid: *taqla' x'tiekol bil-għaraq ta' ġbinek*, jew *b'xogħol iebes*.

2. Barra min din il-*qawwa* li nâtu lill-ħsieb tagħna b'dir-rabta ta' kliem, inkunu qegħdin ukoll inbiddlulu kemm kemm lewnu. U xejn il-bixla tiegħu, u niksrulu kemm kemm lewnu. U xejn il-bixla tiegħu, u dil-kisra ta' lewn flok ma tkattar, tkabbar u tgħolli ġieh il-ħsieb li rridu nfissru, aktarx tnaqqsu, iċċekknu u, biex ngħid hekk, tkerrhu. Hekk *ħallata ballata* tfisser mhux biss *taħlita*, imma *taħlita kif ġie ġie*, *mhux kif*

(1) Din mhix drawwa tal-Maltin jew tas-Semin biss; tinsab fl-ilsna arjani wkoll, hekk bl-ingliż igħidu: *hodge podge*, *hurry scurry*; bit-taljan *nudo e crudo*, bil-franċiż *pêle mêle*; bil-ġermaniż *wirr warr*. U bil-għarbi *ħill milt* taqbel fil-ħoss u fit-tifsir ma' *ħallat ballat*.*

[* Din il-għamla ta' kliem imżewweġ li jixxiebah fil-ħoss (b'desinenza waħda) tissejjaħ *Paranomasia (similiter desinens)*. Barra dawn hemm oħrajn li għandhom għamla li tixxiebah, li jaqblu jew ma jaqblux fit-tifsir, ta' nisel wieħed jew ta' nisel barrani. Fuq dawn SAJDUN bagħtilna wkoll studju żgħir imma ta' reqqa kbira li għandu jidher fil-għadd li ġej. Dawn ukoll imorru taħt l-isem ta' *Paranomasia*. (N. TAD-DIREZ:).]